MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013

Numru. 995/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Busuttil]**
**[Spettur Louise Calleja]**

**vs**

**Alexander Vella**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alexander Vella detentur tal-karta tal-identita` numru 199874(M).

Akkuzat talli fis-7 ta' Ottubru 2013, f'xi hin bejn il-hamsa u s-sitta ta' filghodu, gewwa San Pawl il-Bahar, u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:
1. Bi vjolenza kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq Michelle Elsie Johnson;

2. Bla ordni skont il-ligi tal-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija Michelle Elsie Johnson kontra l-volonta` taghha u dan bhala mezz biex tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha; u

3. Offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil sar sar f'lok pubbliku u/jew f'lok espost pubbliku.

Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat it-talba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` tal-imsemmija Michelle Elsie Johnson u minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li jidhrilha li huma xierqa;

Rat li t-tieni akkuza giet irtirata mill-proseuzzjoni; u

Rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih mal-ezami u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 207, 209 u 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Alexander Vella hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih, tikkundannah ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba' (4) snin.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------